# Parti III - Kamp ta' applikazzjoni, interpretazzjoni u effetti tal-Karta

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: kamp ta' applikazzjoni, interpretazzjoni u effetti

## 1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta: kwistjonijiet temporali

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-Karta li tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tagħha ratione temporis. Ċerti regoli jistgħu jiġu inferiti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet fundamentali li jirriżulta minn atti adottati mill-Unjoni Ewropea, il-Karta tista' tintuża bħala punt ta' riferiment anki jekk l-att inkwistjoni jkun kien ġie adottat qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (ara, pereżempju, l-Kawża C-92/09 Volker und Markus Schecke u Eifert, il-Kawża C-236/09 Association Belge des Consommateurs Test-Achats et, il-Kawża C-293/12 Digital Rights Ireland u Seitlinger et, u l-Kawża C-362/14 Schrems).

Is-sitwazzjoni hija differenti fir-rigward ta' miżuri nazzjonali li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta (ara l-Parti II, it-taqsima 3 u l-Parti III, it-taqsima 2), iżda li fil-konfront tagħhom ma jistgħux jiġu invokati l-effetti diretti tal-Karta (dwar dan il-punt ara t-taqsima 7) jekk il-fatti tal-każ ikunu seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (1 ta' Diċembru 2009). Dan huwa muri fil-Kawża C-316/13 Fenoll. Madankollu, huwa importanti li jiġi nnotat li anke qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet żgurat il-protezzjoni ta' ċerti drittijiet fundamentali permezz tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE (ara t-taqsima 2.3). Għalhekk, jista' jkun utli li jiġi stabbilit jekk id-dispożizzjoni inkwistjoni fil-Karta tipproteġix dritt fundamentali li qabel kien protett bħala prinċipju ġenerali (u mbagħad, permezz tat-test stabbilit għall-Karta - ara t-taqsima 7 - jekk tissodisfax il-kriterji għal effett dirett).

## 2. Klassifikazzjoni tal-atti nazzjonali li għalihom tapplika l-Karta

Kif ġie spjegat fil-Parti II, it-taqsima 2, l-Artikolu 51(1) tal-Karta joffri protezzjoni kontra ksur li jirriżulta minn miżuri nazzjonali li jimplimentaw id-dritt tal-UE. Dan ifisser li l-protezzjoni offruta mill-Karta ma tistax tiġi attivata sempliċiment billi jiġi ddikjarat li l-każ inkwistjoni jittratta l-ksur ta' dritt fundamentali.

Il-Karta tista' tiġi invokata biss meta, minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Karta nnifisha, ikun hemm dispożizzjoni ta' dritt primarju jew sekondarju tal-UE li tapplika għall-każ. Fi kliem ieħor, għandu jkun hemm rabta suffiċjenti bejn ir-regola tad-dritt tal-UE u l-atti jew id-dispożizzjonijiet nazzjonali li allegatament imorru kontra l-Karta.

Ir-rabta għandha tkun suffiċjenti, peress li mhuwiex biżżejjed li d-dispożizzjonijiet tal-UE u dawk nazzjonali jittrattaw l-istess kwistjoni: id-dispożizzjoni tad-dritt tal-UE għandha tistabbilixxi regola li taġixxi bħala n-norma ta' referenza fil-livell nazzjonali fil-qasam ikkonċernat.

Konsegwentement, minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Karta nnifisha, hemm regoli oħra tad-dritt tal-UE li ma jistgħux jattivaw il-protezzjoni tal-Karta. Dan huwa l-każ għal dispożizzjonijiet tat-Trattat li jagħtu lill-entitajiet leġiżlattivi tal-UE s-setgħa li jadottaw miżuri f'qasam partikolari. B'kuntrast, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE (jiġifieri d-direttivi jew ir-regolamenti tal-UE) adottati mill-istanzi leġiżlattivi tal-UE fl-eżerċizzju ta' dik is-setgħa jistgħu jiskattaw l-applikazzjoni tal-Karta fir-rigward tal-miżuri nazzjonali li jimplimentawhom.

*Pereżempju, l-Artikolu 19 tat-TFUE jipprovdi li 'il-Kunsill, li jaġixxi unanimament skond il-proċedura leġislattiva speċjali u bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' jieħu l-azzjoni xierqa sabiex jiġġieled id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-disabbiltà, l-età jew it-tendenzi sesswali'. Abbażi ta' din id-dispożizzjoni (jew aktar preċiżament, fuq il-predeċessur tagħha, l-Artikolu 13 tal-KE), l-istanzi leġiżlattivi tal-UE adottaw leġiżlazzjonijiet importanti, notevolment: Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi; Id-Direttiva Tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol; u Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità. Il-Karta tista' tiġi invokata kontra dispożizzjoni nazzjonali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-direttivi. B'kuntrast, il-protezzjoni tal-Karta ma tistax tiġi effettwata b'sempliċi dikjarazzjoni li l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza biex tiġġieled ċerti tipi ta' diskriminazzjoni jekk id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni tikkonċerna qasam li mhuwiex kopert mid-direttivi msemmija hawn fuq.*

Lista ta' sitwazzjonijiet li fihom il-miżuri nazzjonali jistgħu jitqiesu bħala li jimplimentaw id-dritt tal-UE qed tingħata hawn taħt. Fis-sitwazzjonijiet deskritti, teżisti rabta suffiċjenti bejn il-miżura jew id-dispożizzjoni nazzjonali li allegatament qed tmur kontra l-Karta u d-dritt tal-UE sabiex tiġi attivata l-protezzjoni offruta mill-Karta. Meta tikklikkja fuq kull kategorija, titfaċċa spjegazzjoni qasira kif ukoll eżempju prattiku.

Jekk jogħġbok innota li din il-lista ma tistax tkun eżawrjenti: hija bbażata fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tista' tevolvi maż-żmien.

## 2.1 Dispożizzjonijiet nazzjonali adottati sabiex jagħtu effett lid-dritt tal-UE

Il-Karta tapplika għal miżuri nazzjonali li ġew adottati sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi li joħorġu mid-dritt tal-UE, bħal pereżempju direttivi jew regolamenti tal-UE (ara, rispettivament, l-eżempju 1 u 2 hawn taħt).

Id-Direttivi jorbtu lill-Istati Membri li lilhom huma indirizzati biss fir-rigward tar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda jħallu l-għażla dwar il-forom u l-metodi sabiex jilħquh f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Għaldaqstant, direttiva teħtieġ l-adozzjoni, sal-iskadenza stipulata fiha, tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-implimentazzjoni, sakemm ir-regoli nazzjonali eżistenti ma jkunux jistgħu jiżguraw il-kisba tal-għan preskritt.

L-obbligi stabbiliti mid-direttivi tal-UE jistgħu jkunu speċifiċi ħafna, iżda jistgħu jkunu wkoll ifformulati b'mod wiesa'. Dan huwa l-każ, pereżempju, għal miżuri nazzjonali li jiġu adottati biex jiġi implimentat l-obbligu li l-Istati Membri jipprevedu sanzjonijiet jew pieni effettivi, proporzjonali u dissważivi fil-każ ta' ksur tar-regoli nazzjonali li jimplementaw direttiva (ara l-punt 4 ta' din il-klassifikazzjoni).

Madankollu, il-livell ta' diskrezzjoni mogħti lill-Istati Membri ma jaffettwax id-dmir li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tal-UE meta jadottaw miżuri ta' implimentazzjoni. L-Istati Membri għandhom id-dmir li jimplimentaw l-obbligu rilevanti tad-dritt tal-UE b'tali mod li dan jilħaq l-għan tad-direttiva kif ukoll ikun konsistenti mad-drittijiet fundamentali tal-UE. B'kuntrast, fejn l-Istati Membri ma jingħataw l-ebda diskrezzjoni u, fiha nnifisha, id-dispożizzjoni tad-dritt tal-UE tidher li hija inkompatibbli mad-drittijiet fundamentali tal-UE, qorti nazzjonali għandha tippreżenta talba preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja biex din tal-aħħar tiċċekkja l-validità tad-dispożizzjoni.

B'differenza mid-direttivi, normalment ir-regolamenti jkollhom effett immedjat fis-sistemi ġuridiċi nazzjonali mingħajr il-ħtieġa li l-awtoritajiet nazzjonali jadottaw miżuri ta' implimentazzjoni. Madankollu, ċerti dispożizzjonijiet fir-regolamenti jistgħu jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali. Dawk il-miżuri ma għandhomx ifixklu l-applikabbiltà diretta tar-regolament jew jaħbu n-natura tar-regolament. Barra minn hekk, il-miżuri ta' implimentazzjoni għal regolament tal-UE għandhom ikunu kompatibbli mar-regoli li jħarsu d-drittijiet fundamentali tal-UE.

Id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-UE jistgħu jagħtu wkoll lok għal obbligi fuq l-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tagħhom tista' teħtieġ l-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni li huma konformi mal-Karta (ara l-eżempju 3).

Eżempji

*(1) L-eżempju li ġej, li jittratta dispożizzjonijiet nazzjonali adottati biex jittrasponu direttiva tal-UE, huwa bbażat*

*fuq: is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Jannar 2014, fil-*[*Kawża C-176/12 Association de médiation sociale*]*.*

*Is-Sur Loboudi nħatar bħala r-rappreżentant tal-ħaddiema fl-intrapriża tiegħu. L-impjegatur tiegħu fittex li din il-ħatra tiġi annullata, bl-argument li l-għadd ta' impjegati ma kienx ilaħħaq il-livell minimu li jagħti lok għall-obbligu, bil-liġi, li jinħatar rappreżentant. Huwa enfasizza l-fatt li ħafna mill-ħaddiema kienu impjegati taħt tip ta' kuntratt li, skont il-leġiżlazzjoni domestika, ma jiġux ikkunsidrati meta jiġi kkalkolat in-numru minimu ta' impjegati msemmi hawn fuq.*

*Peress li l-qorti nazzjonali kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata mal-Artikolu 27 tal-Karta dwar id-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u għal konsultazzjoni fi ħdan l-impriża, iddeċidiet li tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari.*

*Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Karta kienet applikabbli għall-każ minħabba li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kienet ġiet adottata biex tiġi applikata d-Direttiva 2002/14/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati.*

*(2) L-eżempju li ġej, li jittratta dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw regolament tal-UE, huwa bbażat fuq: is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Mejju 2014, fil-Kawża C-135/13 Szatmári Malom.*

*Is-sid ta' mitħna ppreżenta talba għal appoġġ finanzjarju skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali. L-intenzjoni tiegħu kienet li juża l-appoġġ biex jissostitwixxi l-mitħna b'waħda ġdida, mingħajr ma jżid il-kapaċità tagħha. L-awtorità nazzjonali kompetenti rrifjutat it-talba għar-raġuni li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta r-Regolament, l-appoġġ seta' jingħata biss għall-modernizzazzjoni ta' mtieħen eżistenti, u mhux għall-bini ta' mitħna ġdid. Is-sid tal-mitħna kkontesta dan ir-rifjut u l-qorti nazzjonali talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mar-Regolament.*

*Il-Qorti tal-Ġustizzja saħqet li huwa l-kompitu tal-Istati Membri li jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar l-ammissibilità ta' talbiet għal appoġġ finanzjarju. Madankollu, dawk ir-regoli għandhom ikunu konformi mal-kundizzjoni speċjali stabbilita mir-Regolament, jiġifieri li l-appoġġ mogħti għandu jtejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-settur. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti addizzjonali ta' ammissibbiltà sakemm dawn ma jaqbżux id-diskrezzjoni mogħtija lilhom. L-għan tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kien li jiġi evitat li l-għoti ta' appoġġ iħeġġeġ il-ħolqien ta' kapaċità addizzjonali ta' pproċessar fis-settur tat-tħin fi sfond ta' użu baxx ħafna tal-imtieħen eżistenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li dan kien objettiv raġonevoli. Madankollu, qieset li, f'każ bħal dak tar-rikorrent, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kisret id-dritt fundamentali għal trattament indaqs stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta, peress li l-ħolqien tal-faċilità l-ġdida kien sejjer iwassal għall-għeluq tal-qadima, u għalhekk, ma kienx se jwassal għal żieda fil-kapaċità li kienet teżisti qabel.*

*Innota li l-Kummissjoni Ewropea ppubblikat 'Gwida dwar l-iżgurar tar-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("il-Fondi SIE")'. Din tinkludi lista tal-miżuri nazzjonali li jikkostitwixxu l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.*

*(3) L-eżempju li ġej, li jittratta miżuri nazzjonali li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-UE, huwa bbażat fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2015, fil-Kawża C-650/13 Delvigne. F'kawża dwar it-telf tad-drittijiet ċiviċi ta' ċittadin tal-UE, qorti Franċiża qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni nazzjonali dwar il-projbizzjoni awtomatika tad-dritt tal-vot fil-każ ta' kundanna kriminali b'rabta ma' kundanna kriminali mogħtija fl-aħħar istanza qabel l-1 ta' Marzu 1994 (id-data meta daħal fis-seħħ il-Kodiċi Kriminali l-ġdid tal-pajjiż) mal-Artikolu 39(1) tal-Karta. Għalhekk iddeċidiet li tippreżenta talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont l-Artikolu 8 tal-Att tal-1976 dwar il-ħatra ta' membri tal-Parlament Ewropew (li għandu l-istatus ta' dritt primarju tal-UE), 'bla ħsara għad-dispożizzjonijiet inklużi f'dan l-att, il-proċedura elettorali hija rregolata, f'kull Stat Membru, mid-dispożizzjonijiet nazzjonali' (il-paragrafu 29).*

*Kompliet targumenta li 'l-Istati Membri huma marbuta, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, bl-obbligu stabbilit fl-Artikolu 1(3) tal-Att tal-1976, moqri flimkien mal-Artikolu 14(3) TUE, jiżguraw li l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew issir b'vot dirett universali u b'mod ħieles u sigriet'.*

*Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li Stat Membru li 'fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-obbligu tiegħu, skont l-Artikoli 14(3) TUE u 1(3) tal-Att tal-1976 jipprovdi, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-esklużjoni ta' numru ta' ċittadini tal-Unjoni mid-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li... ġew ikkundannati b'reat li l-kundanna tiegħu saret definittiva qabel l-1 ta' Marzu 1994, għandu jitqies li qiegħed jimplementa d-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta' (il-paragrafi 32 u 33).*

## 2.2 Dispożizzjonijiet nazzjonali li jagħtu effett lid-dritt tal-UE, għalkemm ma jkunx ġew adottati għal dak l-iskop

Stat Membru ma għandux bilfors jadotta leġislazzjoni ġdida biex jissodisfa l-obbligi li joħorġu mid-dritt tal-UE: dan mhux meħtieġ fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti diġà jippermettu li tiġi żgurata l-konformità tal-ordinament ġuridiku nazzjonali ma' dawn l-obbligi. Jekk il-miżura nazzjonali ġietx adottata biex jiddaħħal fis-seħħ obbligu tal-UE, kinitx diġà tintuża għall-implimentazzjoni ta' tali obbligu jew ġietx adottata abbażi ta' inizjattiva purament nazzjonali ma huwa ta' ebda sinifikanza.

Dan ifisser li l-miżuri nazzjonali li ġew adottati qabel beda jeżisti l-obbligu tad-dritt tal-UE implimentat jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta.

Eżempju ta' din is-sitwazzjoni qed jingħata taħt (3) u (4), għalkemm tista' tittratta wkoll dispożizzjonijiet nazzjonali għajr dawk li jistabbilixxu regoli jew penali proċedurali.

## 2.3 Dispożizzjonijiet nazzjonali tal-liġi proċedurali li jirregolaw l-eżerċizzju tad-drittijiet (ordinarji) mogħtija lill-individwi bid-dritt tal-UE quddiem il-qrati nazzjonali

Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, 'fin-nuqqas ta' regoli [dritt tal-UE] li jirregolaw il-kwistjoni, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jindika l-qrati u t-tribunali li għandhom ġurisdizzjoni u li jirregola l-modalitajiet proċedurali tar-rikorsi intiżi sabiex jassiguraw il-ħarsien tad-drittijiet li għandhom l-individwi bis-saħħa tal-effett dirett tad-[dritt tal-UE]' (ara, pereżempju, il-*Kawża C-276/01 Steffensen*, il-paragrafu 60).

It-Trattat ta' Lisbona kkodifika din il-ġurisprudenza. It-tieni sentenza tal-Artikolu 19(1) tat-TUE tgħid li 'L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni'.

Għaldaqstant, il-Karta, b'mod partikolari, l-Artikolu 47 dwar il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tapplika għal dispożizzjonijiet proċedurali nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju tad-drittijiet (ordinarji) mogħtija lill-individwi bid-dritt tal-UE quddiem il-qrati nazzjonali, irrispettivament minn jekk dawn ġewx adottati għal dak l-għan speċifiku. Dawn id-drittijiet jistgħu joħorġu minn direttivi jew minn regolamenti, jew minn dispożizzjonijiet tal-liġi primarja tal-UE apparti d-dispożizzjonijiet tal-Karta nnifisha.

Eżempju

*L-eżempju li ġej, li jittratta dispożizzjonijiet proċedurali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dritt mogħti mid-dritt tal-UE, huwa bbażat fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Diċembru 2010 fil-Kawża C-279/09 DEB*

*Kumpanija Ġermaniża li topera fis-suq tal-gass naturali ddikjarat li kienet ġarrbet danni bħala konsegwenza ta' dewmien fit-traspożizzjoni ta' żewġ direttivi tal-UE dwar il-provvista tal-gass naturali. Għaldaqstant, riedet tiftaħ kawża għad-danni kontra l-Ġermanja għall-ksur tad-dritt tal-UE skont il-preċedent tal-Kawża C-6/90 Francovich u Bonifaci vs L-Italja. Madankollu, minħabba li din il-kumpanija li kellha l-flus u lanqas assi, ma setgħetx taffordja l-ħlas bil-quddiem tal-ispejjeż tal-litigazzjoni meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti. Bl-istess mod, ma setgħetx tqabbad avukat, li, skont il-liġi Ġermaniża fir-rigward ta' dik it-tip ta' azzjoni, għandu jirrappreżenta l-parti li tkun qed tiftaħ il-kawża. Peress li l-Qorti Kostituzzjonali tal-Ġermanja kienet interpretat id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-għajnuna legali bħala indirizzati biss lill-individwi, l-applikazzjoni tal-kumpanija ġiet miċħuda.*

*Il-kumpanija appellat id-deċiżjoni u l-qorti nazzjonali ppreżentat rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibilità tar-regoli proċedurali interni ċivili mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-dritt tal-UE. Il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li kellha ġurisdizzjoni biex tirrevedi d-dispożizzjonijiet nazzjonali (u b'mod partikolari l-interpretazzjoni tagħhom kif previst mill-Qorti Kostituzzjonali tal-Ġermanja)*

*b'referenza għall-Artikolu 47 tal-Karta peress li, fil-każ inkwistjoni, dawn id-dispożizzjonijiet affettwaw l-eżerċizzju fil-qorti ta' dritt mogħti mid-dritt tal-UE (id-dritt li jinkiseb kumpens għad-danni kkawżati minn nuqqas ta' Stat Membru li jimplimenta l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-UE). Għalhekk, id-dispożizzjonijiet proċedurali nazzjonali li jaffettwaw l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt UE jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, irrispettivament minn jekk dawn ġewx adottati għal dak l-iskop speċifiku jew le.*

## 2.4 Dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-penali li japplikaw għan-nuqqas ta' sodisfar tal-obbligi tad-dritt tal-UE

Il-miżuri tad-dritt tal-UE qegħdin dejjem aktar jeżiġu li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tal-obbligi speċifiċi stabbiliti minn dawk il-miżuri, jew mil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni.

L-Istati Membri jistgħu jikkonformaw ma' dan l-obbligu billi jadottaw penali speċifiċi, li jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jiġi salvagwardjati d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jinvokaw il-penali diġà previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom għal ksur (komparabbli) fuq livell nazzjonali. F'dan il-każ, il-Karta tista' tiġi invokata biss meta l-penali jiġu applikati għall-ksur ta' obbligu li jirriżulta mid-dritt tal-UE.

Eżempju

*L-eżempju li ġej huwa meħud mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Frar 2013 fil-Kawża C-617/10 Åkerberg Fransson*

*Sajjied Żvediż ta informazzjoni falza dwar il-ħlas tat-taxxa fid-dikjarazzjoni annwali tiegħu tat-taxxa fuq l-introjtu, bir-riskju ta' telf ta' dħul għat-teżor nazzjonali f'termini ta' taxxa fuq l-introjtu u taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) miġbura. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, reat fiskali ta' din ix-xorta jista' jwassal kemm għal proċeduri amministrattivi u dawk kriminali, li jistgħu jwasslu għall-ħlas ta' taxxa addizzjonali kif ukoll piena kriminali għall-istess azzjonijiet. Wara l-proċeduri amministrattivi kontrih, ir-raġel ġie mħarrek biex jidher quddiem qorti kriminali. Madankollu, il-qorti qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-prinċipju ne bis in idem, stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta (jiġifieri, il-prinċipju li jgħid li ħadd ma jista' jiġi kkastigat darbtejn għall-istess reat).*

*Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li hija kellha ġurisdizzjoni biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni nazzjonali fid-dawl tal-Artikolu 50 tal-Karta peress li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jieħdu l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi kollha xierqa biex jassiguraw il-ġbir tal-VAT kollha dovuta fit-territorju tagħhom u għall-prevenzjoni tal-evażjoni. Dan l-obbligu huwa stabbilit, fost oħrajn, fl-Artikoli 2, 250(1) u 273 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.*

*Il-Qorti tal-Ġustizzja ma qisitx il-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma kinitx ġiet adottata sabiex tittrasponi d-Direttiva (kienet tmur lura għal qabel l-adeżjoni tal-Iżvezja mal-Unjoni Ewropea) bħala ostaklu għall-applikazzjoni tal-Karta. Enfasizzat li l-effett tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, irrispettivament mill-objettiv oriġinarjament attribwit lilhom mill-istanzi leġiżlattivi, kien li jimplimentaw l-obbligu skont id-dritt tal-UE li jimponu penali effettivi fil-każ ta' imġiba li tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.*

*Barra minn hekk, il-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma kinitx tittratta biss reati marbuta mal-VAT ma kienx jipprekludi l-applikazzjoni tal-Karta. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 325 tat-TFUE jobbliga lill-Istati Membri jiġġieldu l-attivitajiet illegali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea permezz ta' miżuri deterrenti effettivi u, b'mod partikolari, jobbligahom jieħdu l-istess miżuri biex jiġġieldu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea bħal ma jieħdu sabiex jiġġieldu l-frodi li taffettwa l-interessi tagħhom stess.*

## 2.5 Applikazzjoni minn awtorità nazzjonali tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE jew ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentawhom

L-obbligu tal-Istati Membri li jimplimentaw id-dritt tal-UE b'mod li huwa konsistenti mad-drittijiet fundamentali tal-UE ma jittrattax każijiet leġiżlattivi biss, iżda japplika wkoll għall-awtoritajiet nazzjonali fdati bl-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri. Għalhekk, il-qrati nazzjonali u l-awtoritajiet amministrattivi għandhom japplikaw (jew jinterpretaw) ir-regoli tad-dritt tal-UE b'mod li huwa konsistenti mad-drittijiet fundamentali tal-UE.

Dan ġie stabbilit fil-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tgħid li 'l-awtoritajiet u l-qrati ta' l-Istati Membri... għandhom jiżguraw ukoll li ma jibbażawx ruħhom fuq interpretazzjoni [tad-dritt tal-UE, jew tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentawha] li toħloq konflitt mad-drittijiet fundamentali protetti mis-sistema legali Komunitarja' (il-Kawża C-101/01 Lindqvist il-paragrafu 87).

Eżempju

*Dan l-eżempju huwa bbażat fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2014 fil-Kawża C-329/13 Stefan*

*Il-proprjetà tas-Sur Stefan ġarrbet ħsara konsiderevoli wara li faret ix-xmara Drava. Għalhekk bagħat talba lill-awtorità Awstrijaka kompetenti biex jikseb informazzjoni relatata mal-immaniġġjar tal-livelli tal-ilma tax-xmara. It-talba ġiet miċħuda fuq il-bażi li l-iżvelar tal-informazzjoni mitluba seta' jaffettwa b'mod negattiv proċedimenti kriminali pendenti kontra l-gwardjan tal-mekkaniżmi tad-diżlivelli u jikkompromettI l-prospett ta' proċess ġust għal dik il-persuna.*

*Skont l-Artikolu 4(2)(c) tad-Direttiva 2003/4/KE dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu r-rifjut għal talba għal tagħrif dwar l-ambjent, jekk tali żvelar jaffettwa b'mod negattiv il-kors tal-ġustizzja jew il-kapaċità ta' xi persuna li tingħata proċess ġudizzjarju ġust.*

*Is-Sur Stefan appella r-rifjut. Il-qorti nazzjonali sabet li t-talba tiegħu ma setgħetx tiġi rifjutata, peress li l-eżempji leġiżlattivi tal-Awstrija ma kienu għamlu l-ebda provvediment għad-deroga fakultattiva msemmija hawn fuq fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva.*

*F'dan ir-rigward, il-qorti nazzjonali qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni mad-dritt għal proċess ġust kif iggarantit mill-Artikolu 47(2) tal-Karta u ddeċidiet li tippreżenta rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri, inklużi l-korpi amministrattivi u dawk ġudizzjarji, għandhom jiżguraw ir-rispett għar-regoli tad-dritt tal-UE, inklużi d-drittijiet fundamentali tal-UE, fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, peress li l-istanzi leġiżlattivi nazzjonali ma kinux għamlu provvediment għall-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 4(2)(c) tad-Direttiva meta ttrasponewha fil-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tar-regoli nazzjonali huma meħtieġa jużaw id-diskrezzjoni mogħtija lilhom mid-dispożizzjoni b'mod konsistenti mal-Artikolu 47(2) tal-Karta.*

## 2.6 Dispożizzjonijiet nazzjonali li jispeċifikaw il-kunċetti li jinsabu fil-miżuri tal-UE

Xi kultant l-atti tal-Unjoni Ewropea jinkludu taqsima li tipprovdi definizzjonijiet ta' ċerti kunċetti u termini użati fl-att leġiżlattiv innifsu. Fejn jingħataw tali definizzjonijiet, dawn il-kunċetti u t-termini għandhom tifsira awtonoma u standardizzata skont id-dritt tal-UE; F'każ ta' dubju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha s-setgħa li tinterpretahom.

B'kuntrast, atti oħra tal-UE jirreferu għal definizzjonijiet approvati minn kull Stat Membru. Dan ifisser li l-istanzi leġiżlattivi tal-UE jixtiequ jirrispettaw id-differenzi bejn l-Istati Membri dwar it-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni eżatt tal-kunċetti inkwistjoni. Madankollu, il-Qorti għamlitha ċara li n-nuqqas ta' definizzjoni separata fid-dritt tal-UE ma jfissirx li l-Istati Membri jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-insegwiment effettiv tal-objettivi stabbiliti mill-att tal-UE inkwistjoni, b'tali mod li jonqsu milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jimplimentaw l-att b'mod konsistenti mad-drittijiet fundamentali tal-UE. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprovdu definizzjonijiet ta' kunċetti jew ta' termini li jinsabu f'att tal-UE jimplimentaw id-dritt tal-UE fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

Eżempju

*Dan l-eżempju huwa bbażat fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' April 2012 fil-Kawża C-571/10 Kamberaj*

*Ir-regoli fi provinċja Taljana li jirregolaw l-għoti ta' benefiċċju għall-akkomodazzjoni kienu jipprevedu t-trattament differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza legali fit-tul meta mqabbel ma' ċittadini tal-UE (sew jekk Taljani jew le) li jgħixu fil-provinċja kkonċernata. L-attribuzzjoni tal-fondi kienet ibbażata fuq medja ponderata tal-għadd ta' persuni u r-rekwiżiti taż-żewġ gruppi (għad-determinazzjoni tal-fondi disponibbli). Madankollu, filwaqt li fil-każ taċ-ċittadini Taljani u dawk tal-UE l-koeffiċjent li ntuża għal dawn il-parametri kien ta' 1, l-għadd ta' persuni li ntuża fil-medja ponderata għal ċittadini ta' pajjiżi terzi kien soġġett għal koeffiċjent ta' 5 (li wassal għal livell sinifikantement aktar baxx ta' fondi assenjati lil din il-kategorija).*

*Is-Sur Kamberaj, ċittadin ta' pajjiż terz li kien ilu jgħix fil-provinċja għal żmien twil, ikkontesta deċiżjoni dwar ir-rifjut tat-talba tiegħu għal benefiċċju għall-akkomodazzjoni. Il-qorti nazzjonali esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-liġi provinċjali inkwistjoni mad-Direttiva 2003/109/KE dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul. Wara li kkonstatat li l-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-fondi wassal għal differenza fit-trattament bejn iż-żewġ kategoriji, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk dan kienx jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11(1)(d), li jipprovdi li r-residenti fit-tul għandhom igawdu trattament ugwali bħal dak taċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward tas-'sigurtà soċjali, l-għajnuna soċjali u l-protezzjoni soċjali, kif dawn il-kunċetti huma ddefiniti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali'.*

*Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li r-referenzi għad-definizzjonijiet fil-liġi nazzjonali kienu jissuġġerixxu li l-istanzi leġiżlattivi tal-UE jixtiequ jirrispettaw id-differenzi bejn l-Istati Membri dwar it-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni eżatt tal-kunċetti inkwistjoni. Madankollu, indikat ukoll li l-Istati Membri ma jistgħux jimminaw l-effikaċja tal-prinċipju ta' trattament indaqs kif stabbilit fid-Direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li l-Artikolu 11(1)(d) għandu jinqara fid-dawl tal-Artikolu 34(3) tal-Karta, li abbażi tiegħu l-Unjoni Ewropea 'tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal għajnuna soċjali u għal għajnuna għall-akkomodazzjoni sabiex tiżgura l-eżistenza dinjituża għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti, skond ir-regoli stabbiliti mil-liġi ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali'. Għaldaqstant ikkonkludiet li l-qorti nazzjonali għandha tivverifika jekk il-benefiċċju għall-akkomodazzjoni inkwistjoni kienx jikkorrispondi għall-objettiv stabbilit fl-Artikolu 34(3) tal-Karta. F'dak il-każ, il-benefiċċju għall-akkomodazzjoni għandu jitqies li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament indaqs stabbilit fid-Direttiva.*

## 2.7 Dispożizzjonijiet nazzjonali bbażati fuq deroga mogħtija mid-dritt tal-UE

F'xi każijiet, id-dritt tal-UE jippermetti lill-Istati Membri li jidderogaw mill-obbligi li jinsabu fid-dispożizzjonijiet tiegħu. Wieħed mill-eżempji l-aktar rilevanti jittratta l-liġi dwar il-moviment liberu. F'dan il-qasam, it-Trattati tal-UE u l-leġiżlazzjoni tal-UE li timplimenta t-Trattati jistabbilixxu r-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw dispożizzjonijiet nazzjonali li jillimitaw il-libertà fundamentali dwar il-moviment tal-prodotti, tal-kapital u tas-servizzi u l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE. Pereżempju, skont id-Direttiva 2004/38/KE (id-Direttiva dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE) il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE jista' jiġi ristrett għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, ordni pubblika jew ta' sigurtà pubblika. Miżura nazzjonali restrittiva li hija bbażata fuq waħda minn dawk ir-raġunijiet tista' tiġi ġġustifikata biss jekk tkun konsistenti mad-drittijiet fundamentali tal-UE.

Eżempju

*L-eżempju li ġej huwa bbażat fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Novembru 2010 fil-Kawża C-145/09 Åkerberg Tsakouridis*

*Id-Direttiva 2004/38/KE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet dwar u l-limiti għad-dritt taċ-ċittadini tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Fir-rigward tad-dritt taċ-ċittadini tal-UE, id-Direttiva tagħti effett lill-Artikolu 21(1) tat-TFUE, li jagħti lil kwalunkwe ċittadin tal-UE d-dritt li jirrisjedu liberament 'salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u d-dispożizzjonijiet meħuda sabiex dan jitwettaq'.*

*Skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva, il-libertà ta' moviment u ta' residenza ta' ċittadin tal-UE fi Stat Membru tista' tiġi ristretta biss għal raġunijiet ta' politika pubblika, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika. L-Artikolu 28 ikompli jgħid li, jekk iċ-ċittadin tal-UE jkun akkwista dritt ta' residenza permanenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor (jiġifieri wara li jkun għex legalment f'dak l-Istat għal perjodu kontinwu ta' ħames snin), miżura ta' tkeċċija tista' tiġi adottata biss abbażi ta' 'raġunijiet serji' ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika. Hemm bżonn li jkun hemm' 'raġunijiet imperattivi' għat-tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun irrisjeda fl-Istat Membru ospitanti għall-għaxar snin preċedenti.*

*Fil-kawża Tsakouridis, qorti Ġermaniża talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja għal gwida dwar l-interpretazzjoni ta' tali raġunijiet sabiex jiġi vvalutat jekk u sa liema punt reati kriminali b'rabta ma' traffikar ta' narkotiċi bħala parti minn grupp organizzat jistgħu jiġġustifikaw miżura ta' tkeċċija kontra ċittadin tal-UE. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, bħala prinċipju, reati ta' dik in-natura jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' sigurtà pubblika.*

*Madankollu, enfasizzat ukoll li l-qorti nazzjonali kellha tivvaluta jekk, fil-każ speċifiku, il-konsegwenzi tat-tkeċċija*

*kinux proporzjonati għall-objettiv leġittimu mfittex minn dik il-miżura.*

*Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, raġunijiet ta' interess pubbliku jistgħu jiġu invokati bħala ġustifikazzjoni għal miżura nazzjonali li tillimita l-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment ta' ċittadini tal-UE biss jekk din il-miżura tkun kompatibbli mad-drittijiet fundamentali skont il-Karta, u b'mod partikolari mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja skont l-Artikolu 7. Għalhekk il-qorti nazzjonali għandha tqis is-solidità tar-rabtiet soċjali, kulturali u familjari taċ-ċittadin tal-UE inkwistjoni mal-Istat Membru ospitanti.*

## 2.8 Dispożizzjonijiet nazzjonali li jaffettwaw b'mod dirett oqsma rregolati mid-dritt tal-UE

F'żewġ kawżi deċiżi ftit wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (id-deċiżjonijiet mogħtija wara r-rinviji għal deċiżjonijiet preliminari - il-Kawża C-555/07 *Kücükdeveci* u l-Kawża C-441/14 *DI*), il-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-Karta għal dispożizzjonijiet nazzjonali li l-għan tagħhom kien li jiġi rregolat qasam irregolat minn Direttiva tal-UE, minkejja l-fatt li dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux ġew adottati bil-għan li tiġi implimentata d-Direttiva inkwistjoni (minħabba li kienu ġew adottati qabel id-Direttiva) u lanqas ma kienu jagħtuha effett reali (tabilħaqq, kienu jmorru kontra d-Direttiva). Fiż-żmien li fih seħħew l-azzjonijiet imsemmija fil-każijiet, l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva kienet għaddiet u l-każijiet daħlu fil-kamp ta' applikazzjoni personali u materjali tad-Direttiva, u għalhekk kien hemm raġunijiet għall-applikazzjoni tal-Karta.

Eżempju

*Dan l-eżempju huwa meħud mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Jannar 2010 fil-Kawża C-555/07 Kücükdeveci*

*Is-Sinjura Kücükdeveci, impjegata, ilmentat dwar il-kontradizzjoni bejn id-Direttiva 2000/78/KE u l-Artikolu 622(2) tal-Kodiċi Ċivili tal-Ġermanja. Taħt id-dispożizzjoni nazzjonali, perjodi ta' xogħol li impjegati jkunu ħadmu qabel ma għalqu l-25 sena ma kellhomx jitqiesu għall-kalkolu tal-perjodu ta' avviż applikabbli fil-każ li jingħataw is-sensja. Għaldaqstant, il-perjodu ta' avviż tagħha ġie kkalkulat bħallikieku kienet ħadmet għal tliet snin biss mal-kumpanija, meta hija kienet ilha taħdem hemmhekk għal għaxar snin.*

*Id-dispożizzjoni nazzjonali ma kinitx ġiet adottata biex timplimenta d-Direttiva (kienet ġiet implimentata qabel il-miżura tal-UE) u ma setgħetx titqies bħala miżura li l-effett reali tagħha kien li timplimenta d-Direttiva (għall-kuntrarju, kienet ostakolu dirett għaliha). Wara li osservat li l-allegata mġiba diskriminatorja seħħet wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva, il-Qorti kkonstatat li, 'F'din id-data, l-imsemmija direttiva kellha bħala effett li ddaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni l-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-kawża prinċipali li tikkunsidra materja rregolata minn din l-istess direttiva, jiġifieri, f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet ta' tkeċċija'.*

Din it-tip ta' konnessjoni hija ta' sinifikanza prattika partikolari meta t-tilwima tinvolvi biss partijiet privati (jiġifieri hija orizzontali) u tiffoka fuq id-differenzi bejn dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali u waħda li tinsab f'Direttiva tal-UE li tistabbilixxi dritt fundamentali tal-UE. F'każ li d-dispożizzjoni rilevanti tal-Karta tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex ikollha effett dirett (ara l-Parti II, it-taqsima 2 u l-Parti III, it-taqsima 7), il-qorti nazzjonali tista' tinvoka l-Karta sabiex twaqqaf l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jmorru kontriha, u b'hekk tirrimedja n-nuqqas ta' effett orizzontali tad-Direttiva.

# 3. Ir-rwol ta' sorsi nazzjonali ta' protezzjoni fl-applikazzjoni tal-Karta

Meta każ jittratta att nazzjonali li jimplimenta d-dritt tal-UE (ara l-Parti II, it-taqsima 2), il-Karta tista' tapplika. Madankollu, dan ma jfissirx li s-sorsi nazzjonali ta' protezzjoni, b'mod partikolari, l-kostituzzjonijiet, ma għandhom l-ebda rwol.

L-Artikolu 53 tal-Karta jgħid: 'Xejn f'din il-Karta m'għandu jiġi interpretat bħala li jillimita jew li jolqot b'mod negattiv id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom... mill-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri'.

Huwa ċar li fejn il-Karta tipprevedi l-livell speċifiku ta' protezzjoni, dan jipprevali fuq id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali tal-Istati Membri (ara l-Kawża C-399/11 *Melloni*). B'kuntrast, jekk il-Karta ma tgħid xejn dwar il-livell speċifiku ta' protezzjoni, allura jistgħu japplikaw l-istandards nazzjonali, sakemm ikunu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel, l-applikazzjoni ta' standards nazzjonali ma għandhiex tikkomprometti l-livell ta'

protezzjoni pprovdut mill-Karta. It-tieni, għandhom jiġu żgurati s-'supremazija, l-unità u l-effikaċja' tad-dritt tal-UE. Ara, pereżempju d-deċiżjonijiet mogħtija fir-rinviji għal deċiżjonijiet preliminari fil-Kawża C-168/13 PPU - F. U C-617/10 Åkerberg Fransson.

Fil-każ ta' dubju dwar jekk dawn iż-żewġ kundizzjonijiet humiex sodisfatti, qorti nazzjonali tista' toħroġ rinviju għal deċiżjoni preliminari, fejn titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE kkonċernati.

## 4. Id-distinzjoni bejn 'drittijiet' u 'prinċipji'

Kif imsemmi fil-Parti I, it-taqsima 3, id-drittijiet fundamentali tal-UE jaġixxu bħala parametri għall-interpretazzjoni u tal-validità tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-aġenziji tal-UE. Barra minn hekk, jikkostitwixxu parametri ta' kompatibilità tal-atti nazzjonali mad-dritt tal-UE fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

L-Artikolu 52(5) tal-Karta jgħid: 'Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta li fihom prinċipji jistgħu jiġu implimentati b'atti leġislattivi u eżekuttivi meħuda mill-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, u b'atti ta' l-Istati Membri meta dawn ikunu qegħdin jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Ma jistgħux jiġu invokati fil-qorti ħlief għall-iskop ta' l-interpretazzjoni u d-determinazzjoni tal-legalità ta' dawn l-atti'.

Fi kliem ieħor, l-Artikolu 52(2) jiddeskrivi skema ta' stħarriġ ġudizzjarju limitat għad-dispożizzjonijiet tal-Karta li fihom 'prinċipji' minflok 'drittijiet'. Dan huwa ċar mill-ispjegazzjoni korrispondenti: 'Il-paragrafu 5 jiċċara d-distinzjoni bejn 'drittijiet' u 'prinċipji' fil-Karta. Skont dik id-distinzjoni, id-drittijiet soġġettivi għandhom jiġu rispettati, filwaqt li l-prinċipji għandhom jiġu osservati (l-Artikolu 51(1)). Il-prinċipji jistgħu jiġu implimentati permezz ta' atti leġislattivi jew eżekuttivi (adottati mill-Unjoni skont il-kompetenzi tagħha, u mill-Istati Membri biss meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni); għaldaqstant, isiru sinifikanti għall-qrati biss fejn dawn l-atti jiġu interpretati jew riveduti. Madankollu, ma jagħtux lok għal pretensjonijiet diretti għal azzjoni pożittiva mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

Madankollu, il-portata eżatta tal-kamp ta' applikazzjoni u l-effetti tal-Artikolu 52(5) tal-Karta mhumiex ċari.

F'termini ta' *kamp ta' applikazzjoni*, ma hemm l-ebda lista li telenka l-prinċipji tal-Karta. L-ispjegazzjoni għall-Artikolu 52(5) tipprovdi biss ftit eżempji. Barra minn hekk, tindika li wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Karta jista' jkun fihom kemm elementi ta' 'dritt' u ta' 'prinċipju'. 'Bħala eżempju, eżempji ta' prinċipji rikonoxxuti fil-Karta jinkludu pereżempju l-Artikolu 25 [id-drittijiet ta' l-anzjani], 26 [L-integrazzjoni ta' persuni diżabbli] u 37 [protezzjoni ta' l-ambjent]. F'xi każijiet, Artikolu tal-Karta jista' jinkludi kemm elementi ta' dritt u ta' prinċipju, pereżempju l-Artikolu 23 [l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel], 33 [il-ħajja tal-familja u professjonali] u 34 [sigurtà soċjali u assistenza soċjali]'.

F'termini ta' *effetti legali*, individwi ma jistgħux jinvokaw direttament il-'prinċipji' biex iwaqqfu l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali konfliġġenti (ara l-Parti II, it-taqsima 1 u t-taqsima 7).

Mhuwiex ċar jekk 'prinċipji' jistgħux jaġixxu bħala parametri ta' interpretazzjoni u ta' validità għal *xi* dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew għal xi atti nazzjonali li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta jew jekk jistgħux jgħinu biss fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali u tal-UE mmirati lejn l-implimentazzjoni diretta tal-'prinċipji'. Sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-Artikolu 52(5) f'kawża waħda biss: il-Kawża C-356/12 *Glatzel*, fir-rigward tal-Artikolu 26 tal-Karta dwar l-'Integrazzjoni ta' persuni diżabbli'. Madankollu, f'dak il-każ ma ngħatat l-ebda tweġiba definittiva għall-elementi problematiċi msemmija hawn fuq.

Dubji dwar l-effett legali tal-prinċipji tal-Karta jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' sottomissjoni ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

## 5. L-interpretazzjoni tad-drittijiet fundamentali mogħtija mill-Karta: l-Ispjegazzjonijiet

Sabiex tiġi determinata l-protezzjoni mogħtija mid-drittijiet fundamentali fil-Karta, huwa utli li wieħed jikkonsulta l-Ispjegazzjonijiet uffiċjali tal-Karta.

Skont l-Artikolu 52(7) tal-Karta, l-Ispjegazzjonijiet ġew 'imfassla bħala gwida għall-interpretazzjoni ta' din il-Karta'

u ‘għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta mill-qrati ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri’.

B’mod partikolari, l-Ispjegazzjonijiet jindikaw is-sors(i) ta’ ispirazzjoni għal kull dritt fundamentali tal-Karta: pereżempju, il-KEDB, il-Karta Soċjali Ewropea, it-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri, eċċ.

Din l-indikazzjoni hija ta’ importanza partikolari peress li t-Titolu VII tal-Karta jistabbilixxi regoli speċifiċi ta’ interpretazzjoni, skont is-sors ta’ ispirazzjoni tad-dritt fundamentali kkonċernat. B’mod partikolari, hemm regoli differenti dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Karta li jikkorrispondu għad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-KEDB u tad-dispożizzjonijiet tal-Karta li jirrikonoxxu d-drittijiet fundamentali li jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri (ara l-Artikolu 52(3) u 52(4) u l-Ispjegazzjonijiet korrispondenti).

## 5.1 Drittijiet fil-Karta li jikkorrispondu għal drittijiet garantiti mill-KEDB

L-Artikolu 52(3) tal-Karta jistabbilixxi li: ‘Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-[KEBD], it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-dispożizzjoni ma żżommx lil-liġi ta' l-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni aktar estensiva’.

Fi kliem ieħor, il-KEDB tirrappreżenta *standard* minimu ta’ protezzjoni f’dak li għandu x’jaqsam ma’ ‘drittijiet korrispondenti’. Għaldaqstant, l-atti kollha tal-UE, kif ukoll id-dispożizzjonijiet legali nazzjonali li jimplimentaw id-dritt tal-UE għandhom jipprovdu livell ta’ protezzjoni għad-drittijiet korrispondenti konsistenti mal-KEDB. Fil-każ ta’ dubju, hemm bażi għas-sottomissjoni ta’ rinviju għal deċiżjoni preliminari (dwar il-validità jew l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE kkonċernati skont iċ-ċirkostanzi).

L-ispjegazzjoni uffiċjali tal-Artikolu 52(3) tipprovdi xi għajnuna fl-identifikazzjoni tad-drittijiet korrispondenti. Fiha żewġ listi, waħda li tenumera l-Artikoli tal-Karta fejn ‘kemm is-sens kif ukoll l-ambitu huma l-istess bħal dawk fl-Artikoli korrispondenti tal-KEDB’ u waħda ‘fejn is-sens huwa l-istess bħal dak fl-Artikoli korrispondenti tal-KEDB, iżda fejn l-ambitu huwa usa’’.

Iż-żewġ listi mhumiex eżawrjenti: jirriflettu l-istat attwali tal-evoluzzjoni tal-liġi u jibqgħu miftuħin għal ‘żvilupp fid-dritt, leġislazzjoni u fit-Trattati’. Tabilħaqq, jistgħu jiġu identifikati xi drittijiet korrispondenti addizzjonali.

Pereżempju, l-ispjegazzjoni tal-Artikolu 49(1) tal-Karta tgħid li din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għall-Artikolu 7(1) tal-KEDB, bl-eċċezzjoni tal-prinċipju tar-retroattività tal-liġi sussegwenti li jipprovdi għal piena kriminali inqas ħarxa, li jista’ jinstab fl-aħħar Parti tad-dispożizzjoni tal-Karta. Fid-deċiżjoni tagħha tal-2009 fil-kawża Scoppola vs l-Italja (Nru 2), il-QEDB hi u tikkwota l-Artikolu 49(1) tal-Karta, interpretat l-Artikolu 7(1) tal-KEDB bħala li jinkludi wkoll il-prinċipju tar-retroattività tal-liġi nazzjonali li tipprovdi għal piena kriminali inqas ħarxa.

L-ispjegazzjoni dwar l-Artikolu 52(3) tal-Karta tipprovdi xi indikazzjonijiet utli addizzjonali:

- il-kamp ta’ applikazzjoni u t-tifsira tad-drittijiet korrispondenti għandhom jiġu determinati billi jittieħed inkunsiderazzjoni t-test tal-KEDB u tal-Protokolli tagħha, kif interpretat mill-QEDB;
- fejn id-drittijiet korrispondenti fil-KEDB jinkludu limitazzjonijiet, dawn għandhom jiġu rispettati wkoll fl-interpretazzjoni tal-Karta;
- bl-istess mod, meta ma jkunx hemm limitazzjonijiet fuq id-drittijiet fil-KEDB, lanqas ma jista’ jkun hemm limitazzjonijiet fuq dawk id-drittijiet skont il-Karta.

## 5.2 Ir-rwol tat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni

L-Artikolu 52(4) tal-Karta jgħid:

‘Safejn din il-Karta tirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, dawk id-drittijiet għandhom ikunu interpretati f’armonija ma' dawk it-tradizzjonijiet’.

L-ispjegazzjoni korrispondenti tindika li ‘Ir-regola interpretattiva li tinsab fil-paragrafu 4 hija bbażata fuq it-test ta' l-Artikolu 6(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tieħu l-kont dovut ta' l-approċċ lejn it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni li segwiet il-Qorti tal-Ġustizzja (per eżempju s-sentenzi tat-13 ta’ Diċembru 1979, *Hauer* (44/79, Ġabra 1979, p. 3727) u tat-18 ta' Mejju 1982, *AM*&S (155/79, Ġabra 1982, p. 1575). Skond din ir-regola, minflok ma jiġi segwit approċċ riġidu ta' 'l-iżgħar denominatur komuni', wieħed għandu jinterpreta d-drittijiet

konċernati fil-Karta b'mod li joffri livell għoli ta' protezzjoni, li huwa adegwat għal-liġi ta' l-Unjoni u f'armonija mat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni'.

B'differenza minn dik għall-Artikolu 52(3), l-ispjegazzjoni għall-Artikolu 52(4) ma tipprovdix lista tad-drittijiet fundamentali fil-Karta li joħorġu mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri. L-ispjegazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Karta jipprovdu ftit indikazzjoni f'dan ir-rigward. Pereżempju, l-ispjegazzjoni tal-Artikolu 20 dwar 'L-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi', hija fformulata kif ġej: 'Dan l-Artikolu jikkorrispondi għal prinċipju ġenerali tal-liġi li hu inkluż fil-kostituzzjonijiet Ewropej kollha u ġie wkoll rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala prinċipju bażiku tal-liġi Komunitarja (is-sentenza tat-13 ta' Novembru 1984, *Racke* (283/83, Ġabra 1984, p. 3791), tas-17 ta' April 1997, *EARL* (15/95, Ġabra 1997, p. I-1961), u s-sentenza tat-13 ta' April 2000, *Karlsson* 292/97, Ġabra 2000, p. 2737)'.

Jista' jiġi argumentat li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 52(4) tal-Karta jinkludi aktar dispożizzjonijiet minn dawk li, skont l-ispjegazzjonijiet tagħhom, jirriflettu t-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri. Huwa partikolarment utli li wieħed iħares lejn il-ġurisprudenza dwar il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE (ara l-Parti I, it-taqsima 2.3), peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ispirat ruħha mid-dispożizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri biex tidentifika u tibni dawk il-prinċipji.

L-effetti tar-regola ta' interpretazzjoni stabbilita mill-Artikolu 52(4) tal-Karta mhumiex partikolarment ċari. Sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qatgħet l-ebda sentenza li tiċċarahom. Madankollu, huwa ċar li ma hemm l-ebda regola dwar il-protezzjoni massima: ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-Karta jikkorrispondi awtomatikament għal dak tal-kostituzzjoni tal-Istat Membru li joffri l-aktar protezzjoni estensiva. Minflok, huwa mifhum li 'l-interpretazzjoni ta' dawn id-drittijiet fundamentali [għandha] tiġi żgurata fil-kuntest tal-istruttura u tal-għanijiet tal-Unjoni' (l-Opinjoni 2/13, il-paragrafu 170). Dik l-istruttura tinkludi r-rispett lejn it-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri.

# 6. Kriterji għall-ammissibbiltà tal-limitazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali tal-Karta

L-Artikolu 52(1) tal-Karta jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-ammissibbiltà tal-limitazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali tal-Karta. 'Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn'.

Għalkemm ma jissemmiex fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, ma jistax ikun hemm limitazzjonijiet fuq ċerti drittijiet fundamentali. Peress li l-KEDB taġixxi bħala standard minimu ta' protezzjoni, permezz tal-Artikolu 52(3) tal-Karta (ara t-taqsima 5.1), id-drittijiet fundamentali li huma karatterizzati bħala drittijiet assoluti taħt il-KEDB (bħad-dritt għall-ħajja, jew il-projbizzjoni tat-tortura, tat-trattament inuman u degradanti) ma jistgħux jiġu limitati taħt il-Karta.

Biex tiġi ttestjata l-ammissibbiltà ta' limitazzjoni għal wieħed mid-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta, għandhom jiġu mistoqsija l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. id-dritt fundamentali inkwistjoni jista' jiġi limitat?
2. Jekk iva, il-limitazzjoni tirrispetta l-essenza tad-dritt fundamentali?
3. Jekk iva, ġenwinament tissodisfa l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea? Sussidjarjament, l-iskop tagħha huwa li tipproteġi d-drittijiet jew il-libertajiet ta' oħrajn?
4. Jekk iva, il-limitazzjoni hija proporzjonata? (Dan ifisser li l-limitazzjoni għandha tkun adatta għall-objettiv segwit)
5. Jekk iva, il-limitazzjoni hija neċessarja? (Dan ifisser li l-limitazzjoni għandha tilħaq l-objettiv segwit mingħajr ma tikkawża aktar interferenza milli meħtieġ mad-dritt fundamentali kkonċernat).

Gwida utli dwar il-mod kif għandha titwettaq din il-valutazzjoni hija pprovduta fl-Anness IV tal-'*Linji gwida dwar passi metodoloġiċi li għandhom jittieħdu biex tiġi vverifikata l-kompatibbiltà tad-drittijiet fundamentali fil-korpi preparatorji tal-Kunsill*', tal-Kunsill tal-UE mfassla mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2014.

Fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-*Kawża C-92/09 Volker und Markus Schecke u Eifert* tipprovdi illustrazzjoni ċara tat-*test* stabbilit fl-Artikolu 52(1) fl-azzjoni.

# 7. Aktar dwar l-effetti tal-Karta fuq livell nazzjonali

Meta miżura nazzjonali tkun f'konflitt mal-Karta, il-qorti nazzjonali għandha, l-ewwel nett, tiċċekkja jekk il-miżura nazzjonali inkwistjoni tistax tiġi interpretata b'mod konformi mal-Karta (I). Jekk dan ma jkunx possibbli, il-qorti nazzjonali għandha mbagħad tqis jekk id-dispożizzjoni tal-Karta kkonċernata tissodisfax il-ħtiġiet biex ikollha effett dirett (II). Fl-aħħar nett, il-persuna li ssostni l-ksur ta' dritt fundamentali tista' tħarrek lill-Istat Membru kkonċernat għad-danni (III). Eżempju tajjeb tal-kundizzjonijiet speċifiċi u l-limiti tat-tliet metodi li bihom tiġi pprovduta l-protezzjoni elenkati hawn fuq, kif ukoll l-ordni loġika li fiha għandhom jiġu invokati, huwa pprovdut fis-sentenza fil-Kawża C-441/14 DI.

I - Interpretazzjoni tal-liġi nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-UE

Sabiex jirriżolvu l-konflitti, il-qrati nazzjonali għandhom iqisu l-korp kollu ta' regoli taħt il-liġi nazzjonali u japplikaw il-metodi ta' interpretazzjoni rikonoxxuti minn dawk ir-regoli. Fejn possibbli, għandhom jinterpretaw id-dispożizzjoni nazzjonali kkonċernata fid-dawl tal-formulazzjoni u tal-iskop tad-dispożizzjonijiet tal-UE rilevanti għall-każ.

Pereżempju, fil-Kawża C-149/10 Chatzi, qorti Griega talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara t-tifsira tal-Artikolu 2(2) tal-Ftehim Qafas dwar il-Liv tal-Ġenituri (stabbilit fid-Direttiva 96/34/KE) fid-dawl tal-Artikolu 24 tal-Karta (id-drittijiet tat-tfal). Il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-Ftehim mal-Karta, inkwantu din tagħti lill-ommijiet ta' tewmin perjodu uniku ta' liv tal-ġenituri.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżura nazzjonali ma kinitx f'konflitt mal-Artikolu 24 tal-Karta. Madankollu, iddikjarat li, sabiex ikun żgurat ir-rispett lejn il-prinċipju ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, mogħti permezz tal-Artikolu 20 tal-Karta, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iqisu s-sitwazzjoni speċifika tal-ġenituri ta' tewmin. Tabilħaqq, is-sitwazzjoni tagħhom hija differenti minn dik ta' ġenituri b'tarbija waħda u dik ta' ġenituri bi tfal b'differenza żgħira ħafna fl-età (li għalhekk jistgħu jibbenefikaw minn żewġ perjodi distinti ta' liv tal-ġenituri).

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet għall-mistoqsija mqajma mill-qorti Griega kif ġej: '[Il-Ftehim Qafas], meta [j]inqara fid-dawl tal-prinċipju ta' trattament ugwali... [j]imponi fuq il-leġiżlatur id-dmir li jdaħħal fis-seħħ sistema ta' leave parentali li, skont is-sitwazzjoni eżistenti fl-Istat Membru kkonċernat, tiżgura lill-ġenituri ta' tewmin trattament li jieħu inkunsiderazzjoni b'mod xieraq il-ħtiġijiet partikolari tagħhom. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tissodisfax dan ir-rekwiżit u, jekk ikun il-każ, tagħti lill-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali, sa fejn possibbli, interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni'.

II - Effett dirett tad-drittijiet fundamentali tal-Karta u d-disapplikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali konfliġġenti

Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE huma ċari, preċiżi u mhux soġġetti għal kundizzjonijiet, jistgħu jiġu invokati minn persuni ġuridiċi u fiżiċi quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom biex jiksbu d-disapplikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali konfliġġenti. Dan huwa magħruf bħala l-effett dirett tad-dritt tal-UE. L-effett dirett jista' jkun wieħed vertikali jew orizzontali skont jekk jiġix invokat fil-kuntest ta' proċedimenti bejn persuna fiżika jew ġuridika u Stat Membru (effett dirett vertikali), jew f'tilwim bejn partijiet privati (effett dirett orizzontali).

Ta' min jinnota li, għall-finijiet ta' effett dirett vertikali, il-Qorti tal-Ġustizzja approvat kunċett wiesa' ta' 'Stat', li jinkludi l-leġiżlatur, l-eżekuttiv u l-ġudikatura, u kwalunkwe awtorità pubblika ċentrali u lokali. Tinkludi wkoll 'korp li, tkun xi tkun il-forma ġuridika tiegħu, ikun ġie inkarigat bis-saħħa ta' att tal-awtorità pubblika li jwettaq, taħt il-kontroll tagħha, servizz ta' interess pubbliku u li jkollu, għal dan il-għan, setgħat eżorbitanti fid-dawl tar-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-individwi' (ara, pereżempju, il-Kawża C-282/10 Dominguez).

Fil-*Kawża C-176/12 Association de médiation sociale* (*AMS*), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Karta jista' jkollha effett dirett orizzontali f'ċerti ċirkostanzi. Ikkonstatat li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni abbażi tal-età stabbilit

fl-Artikolu 21(1) tal-Karta kellu effett dirett orizzontali u jista' jiġi invokat direttament għad-disapplikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali konfliġġenti, minħabba li 'huwa biżżejjed, waħdu, biex jagħti lill-individwi dritt suġġettiv invokabbli bħala tali'.

L-indikazzjonijiet li ġejjin jistgħu jiġu dedotti mis-sentenza fil-kawża *AMS*:

- konflitt bejn il-liġi nazzjonali u l-Karta jwassal għad-disapplikazzjoni tal-liġi nazzjonali fejn id-dispożizzjoni tal-Karta inkwistjoni fiha nnifisha hija biżżejjed sabiex tagħti dritt individwali li jista' jiġi invokat bħala tali (jiġifieri mingħajr il-ħtieġa għal miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-UE jew dak nazzjonali);
- f'ċirkostanzi bħal dawn, l-effett dirett tad-dispożizzjoni tal-Karta jista' jiġi invokat mhux biss fi proċedimenti vertikali iżda anke f'dawk orizzontali (kif kien il-każ fil-kawża *AMS*);
- L-Artikolu 21(1) tal-Karta jissodisfa r-rekwiżiti għal effett dirett, talanqas f'dak li jirrigwarda n-nondiskriminazzjoni abbażi tal-età. Wieħed jista' jargumenta li l-istess japplika fil-każ ta' raġunijiet oħra ta' nondiskriminazzjoni msemmija fid-dispożizzjoni;
- L-Artikolu 27 tal-Karta dwar id-drittijiet tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fi ħdan l-impriża ma għandu l-ebda effett dirett: il-Qorti eskludiet dan fil-kawża *AMS*;
- Jekk il-każ inkwistjoni jinvolvi dispożizzjoni differenti tal-Karta, jista' jkun utli li l-Qorti tal-Ġustizzja tintalab tistabbilixxi jekk din tissodisfax it-*test tal-AMS* (għalkemm qrati nazzjonali li jagħtu sentenzi li mhumiex finali ma huma taħt l-ebda obbligu li jissottomettu rinviji għal deċiżjonijiet preliminari).

III - Rikors għad-danni kontra Stat Membru għal ksur tad-dritt tal-UE

Meta jkun impossibbli li liġi nazzjonali tiġi interpretata skont il-Karta u ma jkun hemm l-ebda effett dirett, il-vittma ta' ksur ta' dritt fundamentali tal-UE tista' tippreżenta rikors għad-danni kontra l-Istat Membru kkonċernat għall-ksur tad-dritt tal-UE.

Għalkemm ir-rikors għad-danni għandu jiġi ppreżentat quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti abbażi tar-regoli nazzjonali ta' proċedura li jirrigwardaw rikorsi simili, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti ġew stabbiliti b'mod uniformi mid-dritt tal-UE; barra minn hekk, ir-regoli proċedurali nazzjonali għandhom ikunu konformi mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effikaċja kif stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-każ ta' dubju dwar il-kompatibbiltà tar-regoli nazzjonali mal-parametri tad-dritt tal-UE msemmija hawn fuq, il-qorti nazzjonali tista' tissuġġerixxi li jiġi ppreżentat rinviju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari (ara, f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-279/09 DEB).

---

L-aħħar aġġornament: 09/07/2024

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.